MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 250/2008/1

**Jason Bonavia (ID 266272M)**

**vs**

**Pat's Classic Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur appellant fejn gie premess:-

Illi permezz tal-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu, 2008 li permezz tieghu l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas lura s-somma ta' elfejn u tmien mija, tlieta u hamsin euro (€2,853.00) rapprezentanti merkanzija mixtrija minghand l-esponent li ma kienetx tal-kwalita pattwita u kwindi qed jitlob rifuzjoni tal-prezz. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi permezz ta' risposta is-socjeta' konvenuta eccepiet illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija giet ikkonsenjata tajba u skond il-ftehim

pattwit. Illi di piu u minghajr pregudizzju jekk kien hemm xi hsarat l-esponent jichad bil-qawwa kollha huwa lest li jsewwi. Illi l-konvenut flimkien mar-risposta pprezenta kontro-talba fejn talab li t-Tribunal jikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta’ konvenuta l-ammont ta’ tmien mija u hmistax-il ewro (€815) rapprezentanti bejgh ta’ merkanzija kkonsenjata lill-attur.

Ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba gie eccepit illi l-kontro-talba hija nfondata fil-fatt u fdid-dritt u dan stante illi x-xoghol metru tal-kaz kien difettuz kif ser jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kwindi ma hu dovut l-ebda ammont. Bl-ispejjes.

Illi permezz ta’ sentenza tas-27 t’Ottubru 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar qata’ l-kawza u ddecieda li jiddispondi kemm mit-talbiet ta’ l-attur u kif ukoll mill-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta billi jichad kemm it-talbiet attrici kif ukoll it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez tal-kawza jigu ssopportati mill-attur u dawk tal-kontro-talba mis-socjeta’ konvenuta.

Illi l-attur hassu aggravat minn din is-sentenza u qed jinterponi umli appell;

Illi l-aggravju huwa car u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi din il-kawza saret minhabba li l-oggetti mixtrija ossia ghamara ghal display ma kienetx tal-kwalita pattwita ghalhekk l-attur kien qed jitlob ir-rifuzjoni tal-prezz ta’ dawn l-oggetti. It-Tribunal ezamina ir-rimedji li xerrej jista’ jkollu skond il-ligi u x’tip ta’ azzjoni wiehed ghandu jiehu u wasal ghal konkluzjoni, li l-azzjoni kienet wahda ta’ azzjoni ghar-rifuzjoni tal-prezz ghax l-oggett ma kienx tal-kwalita pattwita. Madanakollu, it-tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni fl-ahhar tas-sentenza tieghu wara dahal f’punti legali li ma kienux relevanti ghall-kaz odjern. Meta wiehed jezamina s-sentenza jinduna li t-tribunal bil-kemm ta kas ir-rapport tal-Perit Ciliberti li permezz tieghu l-ghamara kienet giet dikjarata li kienet ta’ kwalita inferjuri u ghalhekk mhux tal-kwalita pattwita. It-Tribunal naqas li ukoll

jirrealizza li l-ewwel haga li ghamel l-attur kien propju li jiddepozta formalment mar-registratur tal-Qorti l-oggetti imsemmija billi iddepozithom f'garage ta' terza persuna li iddikjara li qed jireviehom, u dan wara li l-oggetti gew irrijutati mis-socjeta' konvenuta. Kwindi iz-zewg rekwiziti li huma essenzjali biex tirnexxi din it-tip ta' kawza u cioe' li l-oggetti in kwistjoni ma humeix tal-kwalita pattwita u li gew rifjutati mill-venditur jissussistu. Wiehed ma jridx jinsa li n-natura tal-oggetti taghmilha kemxejn difficli jekk mhux impossibbli li tiddepozithom fizikament ghand ir-registratur tal-Qorti. Kwindi jistghu biss ikunu depozitati formalment. L-attur waqt id-depozizzjoni tieghu xehed li hu zamm l-oggetti ghandu sakemm ikollu l-opening night ghax ma setghax jaghmel mod iehor. L-impressjoni li ha t-tribunal kienet li l-attur zamm l-oggetti ghandu u baqa juzhom mentri dan ma kienx il-kaz. Mir-rapport tal-perit irrizulta ampjament illi l-attur ma ried bl-ebda mod izomm l-ghamara u jkollu tnaqqis fil-prezz. Din hija indikazzjoni cara li l-attur irrifjuta l-oggetti.

2. Fit-tieni lok it-tribunal sostna li l-azzjoni ta' nuqqas ta' kwalita pattwita ma tistax issir quddiem it-Tribunal ghal-Talbiet Zghar. Bir-rispett kollu qed ikun rilevat illi s-socjeta konvenuta ma ghamlet l-ebda eccezzjoni li t-Tribunal hu inkompetenti biex jisma din it-tip ta' kawza. Beix it-tribunal jiehu decizjoni ta' dan it-tip irid ikun hemm minimament eccezzjoni f'dan ir-rigward. Is-socjeta konvenuta dan ma ghamlitux u ghalhekk it-tribunal ma jistax jasal ghal din id-decizjoni di sua sponte. It-Tribunal irid jahdem fit-termini tat-talba u ta' l-eccezzjonijiet li ghandu quddiemu u la ma kien hemm l-ebda eccezzjoni ratione materiae f'dan is-sens.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Jason Bonavia vs Pat's Classic Limited tas-27 t'Ottubru 2011 f'dik il-parti li fiha giet michuda l-kontrotalba tas-socjeta appellata, thassar, tirrevoka u tikkancella l-imsemmija sentenza u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta appellata u konsegwentement tilqa' t-talbiet ta'

l-appellant u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta appellata.

Rat ir-risposta ta’ l-Appell tas-socjeta’ appellata Pat’s Classic Limited fejn gie sottomess:-

1. Ili fl-ewel lok is-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 27 ta’ Ottubru 2011 hija korretta li timmerita li tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fil-mertu tal-appell ghar-rigward l-ewwel aggravju ma gie ddepozitat ebda merkanzija fil-garaxx ta’ terzi anzi l-Perit Ciliberti mar jara l-oggetti ghand Jason Bonavia u ghalhekk lanqas ma gew offruti lill-esponenti. Ghalhekk l-ewwel Onorabbli Tribunal kellha ragun tasal ghall-konkluzjoni taghha.

3. Illi ghar-rigward it-tieni aggravju jekk it-Tribunal ihoss illi ma jsitax jghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm huwa obbligat li jiddeciedi skond il-Ligi u propju hekk ghamlet l-Onorabbli Tribunal f’dan il-kaz.

Ghalhekk is-socjeta’ appellata qed titlob li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Jason Bonavia vs Pat’s Classic Limited tas-27 t’Ottubru 2011 f’dik il-parti li fiha giet michuda t-talbiet tal-appellant u thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza u filwaqt li tichad ir-risposta ghal-kontrotalba tilqa’ l-kontro-talba ta’ l-appellat bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra Jason Bonavia.

Rat li b’sentenza tas-27 t’Ottubru 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda billi cahad it-talbiet attrici u billi cahad ukoll it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta kif kontenuti fil-kontro-talba u ddecieda li l-ispejjez tal-kawza jigu ssopportati mill-attur u dawk tal-kontro-talba mis-socjeta’ konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-appell kif ukoll dawk komplati quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-appellant.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fil-kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar is-socjeta' l-konvenuta appellata pprofittat ruhha minn dawn il-proceduri ntavolati kontra taghha mill-appellant u ppresentat kontro-talba. Kemm it-talbiet tal-attur kif ukoll il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta gew michuda mit-Tribunal. L-attur qed jappella quddiem din il-Qorti mill-imsemmija sentenza, filwaqt li s-socjeta' appellata ma appellatx mid-decizjoni li biha giet michuda l-kontro-talba taghha.

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar wasal ghall-imsemmija sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

*"Il-kawza in kwistjoni hija dwar talba ghar-rifuzjoni ta' prezz ta' merkanzija akkwistata mill-attur liema merkanzija allegatament ma kienitx tal-kwalita pattwita.*

*Illi min-naha taghha s-socjeta' konvenuta ghamlet kontro-talba ghall-hlas tal-bilanc tal-ammont tal-merkanzija li kien ghadu dovut.*

*Illi min-naha tieghu l-attur xehed in sostenn tat-talba tieghu. Mix-xhieda tieghu rrizultaw is-segwenti fatti:*

*Illi l-attur ordna minghand is-socjeta konvenuta ghamara ghall-hanut gdid tieghu u dan biex isservi bhala display" (Dok JB 1 a fol 17). Mill-ewwel gurnata li giet ikkonsenjata lilu, l-attur innota illi l-ghamara li giet mill-Egittu kienet difettuza. L-attur informa lis-socjeta' konvenuta mill-ewwel li l-ghamara ma kienitx sodisfacjenti pero' zamm l-ghamara biex jkun jista' jahdem biha ghaliex kellu il-launch tal-hanut. Rapprezentanta tas-socjeta' konvenuta*

*kienet qaltlu biex jahdem bl-ghamara imbaghad kienu ser jibdluhielu. Is-socjeta' konvenuta baghtet mastrudaxxa li kien iddikjara illi ma setghax isewwi d-difetti ghaliex l-ghamara ma kienitx tajba biex tissewwa u li kellha tinhadem mill-gdid. Meta tkellem ma' raprezentanti tas-socjeta' konvenuta dawn qabduh ma' kollega Egizzjan li kien infurma lill-attur illi ma seta' jaghmel xejn.*

*Fil-kontro-ezami l-attur ikkonferma illi l-ghamara ghadha fil-hanut tieghu. Kienu saru xi xogholijiet tat-tiswija fuq counter pero l-injam kien reggha xpakka. L-attur iddikjara li l-injam tal-ghamara ma kienx dak pattwit u cioe tal-ahmar u ddikjara illi l-ghamara kienet kollha diffettuza hlief zewg inkwadri u pultruna.*

*It-Tribunal ra r-relazzjoni tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti li fiha semma li l-esponent kien zamm zewg accessi fuq il-post tal-attur u li kien ezamina l-ghamara konsenjata lill-attur mis-socjeta' konvenuta.*

*It-Tribunal osserva illi minn naha taghha s-socjeta' konvenuta ma pproduciet l-ebda xhieda jew provi ohra u lanqas ma gie eskuss il-Perit Tekniku.*

*Qabel jigi kkonsiderat il-mertu tajjeb li jsir ezami ta' liema konsiderazzjonijiet legali jaffettaw il-materja in kwistjoni u dan ukoll minhabba kif inhi formulata t-talba mill-attur. Fil-kaz prezenti l-attur qieghed jitlob ir-radd lura ossija rifuzjoni tal-prezz tal-merkanzija minnu mhallas fuq il-premessa illi l-ghamara mibjugha u konsenjata lilu ma kienitx tal-kwalita' pattwita.*

*Fl-ewwel lok, il-kliem tat-talba kif promossa jindikaw illi dan kien kuntratt ta' bejgh u fil-fatt fil-fehma tat-Tribunal mill-provi jirrizulta illi n-negozju mertu tal-kawza kien bejgh ghaliex kien jikkoncerna x-xiri ta' ghamara impurtata lesta minn Egittu. Fit-tieni lok, wiehed ghandu jara liema huma r-rimedji ghax-xerrej f'azzjoni quddiem il-Qrati Maltin. Ir-rimedji kontemplati fil-ligi johorgu mill-artikolu 1427 u l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Dawn ir-rimedji huma l-azzjoni redhibitorja u aestimatoria f'kaz ta vizzji okkulti u f'kazijiet ta' nuqqas ta' kwalità pattwita dawk ir-rimedji li jaqaw taht l-artikolu 1390. F'dan il-kaz l-attur mhuwiex qieghed jezercita l-azzjoni aestimatorja ghaliex it-talba odjerna hija ghar-rifuzjoni tal-prezz. Huwa importanti li jinghad illi kawza ghar-rifuzjoni ta' prezz f'bejgh, u cioe l-azzjoni redhibitorja, skond l-artikolu 1427, hija msejsa fuq bazi ghal kollox differenti minn kawza mnissla minn bejgh t'oggetti li mhumiex tal-kwalita mifthema u wkoll it-tnejn ghandhom rimedji differenti u perjodi preskrittivi differenti.*

*Huwa principju accettat illi r-rimedji ghax-xerrej huma biss u esklussivament dawk imsemmija u cioe l-azzjoni redhibitoria u aestimatoria f'kaz ta' vizzji okkulti u l-azzjoni a bazi tal-artikolu 1390 f'kaz ta' bejgh ta' oggett li ma jkunx tal-kwalità pattwita. Fil-kawza Norman Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Boxit Ltd vs L-Avukat Dottor Pierre Lofaro noe gew affermati s-segwenti principji fir-rigward ta dawn l-azzjonijiet li jistghu jintuzaw minn xerrej :*
*"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permissibbli lix-xerrej;*
*(b) it-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta' l-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi ta' l-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua non li:*
*i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*
*ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti mill-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata l-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi ta' l-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

*Illi din il-kawza ma tikkoncernax diffetti latenti u cioe vizji okkulti u dan johrog kemm mit-talba tal-attur kif ukoll mix-xhieda stess tal-attur fejn hu jiddikjara illi mal-ewwel mal-konsenja lilu hu induna bid-difetti u nforma lis-socejta konvenuta illi ma kienx kuntent bil-ghamara.*

*Ghalhekk huwa l-artikolu 1390 li ghandu applikazzjoni fil-kawza odjerna. Dan l-artikolu jaghti lix-xerrej zewg opzjonijiet meta jiskopri li l-ghamara mibjugha lilu mhiex tal-kwalita` pattwita u dawn huma:*
*a) ir-rifjut tal-ghamara u talba ghad-danni; jew*
*b) iz-zamma tal-ghamara u diminuzzjoni fil-prezz minhabba n-nuqqasijiet.*

*Il-problema hija li f'din il-kawza ix-xerrej zamm l-ghamara u ma talabx ghal diminuzzjoni fil-prezz imma rifuzjoni.*

*L-attur stess iddikjara illi zamm l-ghamara ghaliex kellu il-launch tal-hanut. F'certi kazijiet eccezzjonali r-ritorn tal-haga konsenjata lix-xerrej huwa fisikament impossibili u ghalhekk l-azzjoni ghandha tigi accettata minghajr din il-kundizzjoni. Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Joseph Debono u martu Rita v Uskin Limited li jirrigwarda bieb ta' garaxx . Pero dan ma jistax jinghad ghal kawza odjerna. It-Tribunal ihoss illi dan kien kaz fejn l-attur setgha jirritorna l-ghamara lura jew jiddepositaw l-ghamara f'idejn ir-Registratur tal-Qorti almenu xi zmien wara li sar il-launch. L-attur ma ghamilx hekk u fil-fatt mill-provi jirizulta illi l-ghamara ghadha fil-pusses tieghu.*

*Fil-kawza John Mary Dalli v Grezzju Pattinot (19 ta mejju 2000) il-Qorti tal-Appell Civili Superjuri ddikjara "Mill-banda l-ohra jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jireagixxi kif trid il-ligi ghal fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita pattwita il-kompratur ikun qiehed jippregudika irremdjabilment il-possizijoni tieghu"*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jikkunsidera illi skond l-artikolu 1390 ir-radd lura mix-xerrej tal-oggett huwa rekwizit krucjali ghas-sucess tal-kawza attrici. Sfortunatament f'dan il-kaz dan ma sarx. Ghalhekk l-azzjoni attrici hija mankanti fir-rigward tal-kriterji essenzjali tal-azzjoni promossa u ma tistax tintlaqa'.*

*It-Tribunal jirrileva ulterjorment illi anke kieku ghal grazzja ta' l-argument kellu jinghad illi t-talba attrici ghalkemm*

*ibbazata fuq allegazzjoni li l-oggetti mibjugha ma kienux tal-kwalità pattwita, fil-verità kellha titqies bħala azzjoni redhibitorja ossija talba ghat-thassir tal-bejgh u rifuzjoni tal-prezz, tali talba xorta wahda ma tistax tintlaqa' għas-semplici raguni illi tali talba timporta r-rexxissjoni ta' kuntratt ta' bejgh liema rexxissjoni certament ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan gja gie ritenut f'kawzi simili fosthom Fenech v. Lagana (deciza 24 ta' Gunju, 2003) u Cioffi v. Spiteri (deciza 14 ta' Lulju, 2010).*

*Rigward il-kontro-talba ppreżentata mis-socjeta' konvenuta, it-Tribunal jinnota illi din ma giet sostnuta b'ebda prova stante illi s-socjeta' konvenuta naqset ghal kollox milli tressaq provi fir-rigward u ghalhekk ma tistax tintlaqa'.*

Ikkonsidrat:-

L-appellant qed jinterponi dan l-appell a bazi ta' zewg aggravji. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jissottometti li t-tribunal wasal ghall-konkluzjoni li t-talba tal-attur hi wahda ghar-rifuzjoni ta' prezz ta' ghamara li meta giet konsenjata ma kienitx tal-kwalita' pattwita. F'dan ir-rigward l-appellant jissottometti li biex wasal ghal din il-konkluzjoni, t-tribunal ikkonsidra kwestjonijiet lagali li, skond l-istess appellant, ma kienux rilevanti. Hawnhekk irid jigi nnotat li l-appellant ma specifikax liema kienu dawn il-kwestjonijiet u wisq anqas ma specifika ghaliex l-istess ghandhom ikunu konsidrati bhala rrilevanti.

L-appellant jilmenta li t-tribunal injora ghal kollox ir-rapport tal-perit tekiniku, li kkonkluda li l-ghamara kienet ta' kwalita' inferjuri u ghalhekk mhux tal-kwalita' pattwita. Inoltre l-appellant isostni li effettivament huwa ddeposita "formalment" l-ghamara "mar-Registratur tal-Qorti" u dan billi ddepozithom ghand terzi. L-attur jghid li agixxa b'tali mod biss wara li s-socjeta' appellata rrifjutat li tiehu lura l-ghamara. L-appellant ikompli jsostni li huwa ddeposita l-ghamara "fornalment" stante li kien impossibli, minhabba

l-kobor taghha li tigi depositata taht l-awtorita' tal-Qorti. Hawnhekk jigi rilevat li hu irrilevanti l-kobor tal-haga li tkun ser tigi dddepositata taht l-awtorita' tal-Qorti.

L-artikolu 948(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar id-depositi ta hwejjeg li mhux flus kontanti. Tali depositi jsiru permezz ta' cedola li ghandha tigi notifikata lil kull min ghandu interess. Tali depositi jibqghu taht il-kustodja tar-Registratur. Inoltre l-artikolu 949(2) jirregola d-depositi ta' hwejjeg kbar (bhal ma hu l-kaz in ezami) u ghall-liema hwejjeg ma jkunx hemm spazju fil-post li jkun gie desinjat biex fih jinzammu l-artikoli depositati. Dan l-artikolu jipprovdi li min ikun ser jiddeposita tali hwejjeg jista jiddepositahom f'post iehor idoneu li ghandu pero' l-ewwel jigi approvat mir-Registratur.

Ghalhekk depositu ta hwejjeg straordinarjament kbar ghandu jsir bil-mod normali kif isiru depositi ohra. F'kaz li l-oggett jew l-oggetti li jkunu ser jigu depositati jkunu tant kbar li ma jistghux jitpoggew fil-lok fejn generalment jinzammu l-hwejjeg depositati, d-depositant jista jsib lok iehor pero' dan wara li jkun hemm l-approvazzjoni tar-Registratur tal-Qorti. Id-depositant ma jistghax jaqbad u jiddeposita l-oggetti f'lok iehor ghand terzi minnghajr ma qabel jikkonsulta u jiftiehem mar-Registatur tal-Qorti. Fil-ligi ma jesisti ebda depopsitu "formali" bil-mod kif qed isostni l-appellant.

Kif gia rilevat l-appellanti jilmenta li t-tribunal, biex wasal ghall-konklzjonijiet tieghu, ma tax kaz ta' l-konkluzjonijiet tal-perit tekiniku fis-sens li l-ghamara kienet ta' kwalita' inferjuri u kwindi mhux tal-kwalita' pattwita. Il-presenti ghandha titqies li hi azzjoni ghar-rifuzjoni tal-prezz ta' merkanzija, cioe' ghamara, mibjugha u konsenjata lill-attur appellant u li, allegatament, ma kienitx tal-kwalita' pattwita. Din l-azzjoni qed issir ai termini tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Skond dan l-artikolu min jallega li l-haga kkonsenjata mhux tal-kwalita' pattwita jista jew jirrifjutha u jitlob id-danni jew jista jzommha u jitlob li l-prezz tal-haga jitnaqqas. Fil-kaz presenti l-kompratur, cioe' l-attur appellant, zamm il-haga

u uzha sabiex, kif jghid huwa stess, jinawgura l-hanut tieghu. Huwa zamm il-merkanzija pero' mhux qed jitlob tnaqqis fil-prezz u qed jitlob ir-radd lura tal-prezz kollu minnu mhallas. L-appellant stess iddikjara li huwa ma jridx li jkun hemm riduzzjoni fil-prerzz izda irid biss li jinghata lura l-prezz kollu li huwa hallas lis-socjeta' appellata.

Ghalhekk din l-azzjoni tal-attur appellant hi monka u mhux skond il-ligi. In vista tat-talba tal-appellant indubbjament din l-azzjoni ghandha titqies li hi maghmula ai termini tal-imsemmi artikolu 1390 u mhux azzjoni ghar-rexizzjoni tal-bejgh. Kwindi ma tqumx il-kwestjoni tal-kompetenza li tissemma fid-decizjoni in kwestjoni tat-tribunal. Inoltre l-appellant naqas li jirritorna l-ghamara. Ir-radd lura tal-ghamara lill-vendituri hu element essenzjali ta' din l-azzjoni. L-attur jittanta jiggustifika dan in-nuqqas billi jeskogita forma ta' depositu li hi inesistenti fl-ordinament guridiku nostrali.

L-attur setgha facilment jiddeposita l-ghamara taht l-awtorita' tal-Qorti u f'kaz li l-istess kienet tant kbira li ma setghetx titpogga fejn solitament jinzammu l-oggetti depositati, l-attur seta jsegwi dak li trid il-ligi f'dan ir-rigward. Barra minn hekk jidher li l-ghamara ghada qed tinzamm mill-appellant.

L-appellant ma jistax izomm l-ghamara u inoltre jjbqa jaghmel uzu minnha u umbghad jitlob li jinghata lura l-prezz li hallas ghaliha. Jidher li l-Appellant ghazel li jzomm l-ghamara u ghazel ukoll li ma jiddepositax l-istess skond il-ligi u dan meta huwa qed jallega li meta l-ghamara giet ikkonsenjata lilu u mill-ewwel induna li l-istess ghamara ma kienitx tal-kwalita' pattwita. L-appellant, bl-agir tieghu stess, ippregudika irrimedjabilment il-possizijoni tieghu.

Dwar is-sottomissjonijiet tal-appellant fis-sens li t-tribunal injora ghal kollox il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u li l-appellant ipprova z-zewg elementi essenzjali biex tirnexxi din l-azzjoni, ghandu jinghad li in vista tan-nuqqassijiet procedurali f'din l-azzjoni, huma ghal kollox irrilevanti l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku. Inoltre mhux korrett l-appellant meta jsostni li z-zewg rekwiziti

essenzjali biex tirnexxi din it-tip ta’ kawza gew debitament ippruvati.

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess dan l-appell tal-attur appellant jimmerita li jigi michud.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-attur appellant filwaqt li tikkonferma in toto d-decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi tas-27 ta’ Ottubru 2011.

Spejjez kollha jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------